SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 5711

Illum it-Tnejn, 29 ta' Awwissu 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fin-12.30 pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5611 li saret nhar il-Ħamis, 14 ta' Lulju 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Ittra dwar it-trasport pubbliku*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferiet għall-minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lil Arriva Ltd. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġabar l-ilmenti kollha u bagħt ittra li ġiet ikkupjata lir-residenti li għandhom l-*e-mail* tagħhom fid-*database* tal-Kunsill. Huwa qal li huwa baqa' f'kuntatt kontinwu m' uffiċċjal ta' Trasport Malta u l-*customer care* ta' l-Arriva biex iwassal l-ilmenti u suġġerimenti tar-residenti dwar dan is-servizz.

### 1.1.2 *Triq iż-Żafran*

Il-Viċi Sindku staqsa dwar Triq iż-Żafran u meta ser issir. Is-Sindku qal li l-kuntrattur qed jistenna li jidħol il-qatran biex jibda x-xogħol fuq din it-triq.

### 1.1.3 *Green MT*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 1.1.3 tal-laqgħa preċedenti. Huwa staqsa kienx hemm xi żvilupp f'dan ir-rigward. Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet intbagħtet ittra biex itemm il-kuntratt preżenti.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-14 ta' Lulju 2011 u d-29 ta' Awwissu 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- **823/11/O** – Arriva Ltd. – Is-Servizz ta' l-Arriva f'Santa Luċija
- **833/11/O** – Arriva Ltd. – *Route* 126
- **855/11/O** – Uffiċċju tal-Prim Ministru – Garaxx fi Triq id-Dawl
- **924/11/O** – Secretary Governance Board – Tneħħija ta' *parking spaces*

- **948/11/O** – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – Kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini

- **962/11/O** – Arriva Ltd. – *Route* 83

- **970/11/O –** Hon. Chris Said, Segretarju Parlamentari – Malta Qualifications Council

- **982/11/O** – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Kuntratt mal-Green Mt

- **989/11/O –** Green Mt – Tmiem tal-Kuntratt

- **990/11/O –** Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 63 - Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- **790/11/I** – Aġenzija Żgħażagħ – Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2011/12

- **842/11/I** – Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita' - Premju Anzjan tas-Sena 2011

- **848/11/I** – Resident – Triq iż-Żnuber

- **859/11/I** – Fondazzjoni Oasi – Żgħażugħ tas-sena 2011

- **885/11/I** – Ministeru tal-Finanzi – Ġnien is-Serenita'

- **886/11/I** – WasteServ Malta Ltd. – *European Week for Waste Reduction*

- **915/11/I** – Uffiċċju tal-Prim Ministru – *National Cultural Event*

- **918/11/I** – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Public Private Partnership Scheme*

- **945/11/I** – DAFNI Network - *invitation*

- **951/11/I** – Transport Malta – Triq il-Klematis

- **946/11/I** – Reġjun Nofsinhar – *Rosters* dwar is-sistema l-ġdida tal-LES

- **992/11/I** – Transport Malta – Introduzzjoni ta' rotta ġdida - Santa Luċija / Belt Valletta

- **995/11/I** – National Council of Women – *Second Conference of EU Flagship Project*

- **998/11/I** – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 65 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012

- **999/11/I** – Ministeru Għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali – Kuntratt tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC Memo 12/2011 – Quddiesa tal-festa San Piju X

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 790/11/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-inizjattiva "Kunsilli Kokali Żgħażagħ".

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 842/11/I il-Kunsill ġie nfurmat bl-inizjattiva 'Anzjan tas-Sena 2011'.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 848/11/I il-Kunsill iddiskuta ittra minn resident fi Triq Iż-Żnuber. Ġie deċiż li ssir talba lid-Direttur ta' l-Agrikoltura biex titneħħa siġra f'din it-triq. Fir-rigward tal-pjazza, is-Sindku qal li kif jaqleb it-temp naħartuha u jinżergħu l-fjuri. Fil-kummenti dwar il-bankini l-Kunsill sostna li dawn ma baqgħux isiru bl-*imprint concrete* peress li kien qed ikun hemm il-problemi sew fil-wiċċ tal-bankini u kemm meta tiġi biex tagħmel il-manutenzjoni tat-trinek.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 859/11/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-inizjattiva 'Żgħażugħ tas-Sena 2011'. Ġie deċiż li din il-korrispondenza għandha tintbagħt lil għaqdiet taż-żgħażagħ f'Santa Luċija.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 885/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li bħalissa hawn delegazzjoni Ċiniża li ġiet Malta biex tagħmel il-pjan ta' xogħol għall-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 886/11/I il-Kunsill iddiskuta inizjattiva tal-WasteServ bl-isem ta' *European Week for Waste Reduction*. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva ser issir bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2011 u li l-Kunsill għandu jara x'attivitajiet jista' jorganizza biex isaħħaħ l-impenn tiegħu dwar l-importanza tat-tnaqqis ta' l-ammont ta' skart.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 915/11/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-inizjattiva "*National Cultural Event*" li ser issir bejn l-Erbgħa, 21 ta' Settembru 2011 u l-Ħadd, 9 ta' Ottubru 2011. Il-Kunsill innota li f'dak il-perjodu ser ikun impenjat b'attivitajiet oħra.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 918/11/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali rreveda l-ammont riservat għal-lokalita' ta' Santa Luċija taħt l-iskema *Public Private Partnership* peress li l-ispiża varjat mill-istima li kellu l-Kunsill.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 945/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar stedina li saritlu minn *Network of Sustainable Aegean Island* (DAFNI) biex jattendi laqgħa bis-suġġett "*The role of Local Regional Authorities in Energy Planning*". Huwa qal li din il-laqgħa ser issir f'Ateni fil-15 ta' Ottubru 2011 u fiha ħa jiltaqgħu il-firmatarji tal-*Pact of Islands*.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 951/11/I is-Sindku rrefera għal proposta li kien ressaq il-Kunsill lil Transport Malta fir-rigward tal-problema strutturali li hemm fi Triq il-Klematis. Huwa qal li fit-tweġiba tagħha Transport Malta nfurmat lil Kunsill li din it-triq ma taqgħax taħt ir-responsabilta ta' Transport Malta.

.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 946/11/I il-Kunsill ġie nfurmat dwar ir-*roster* tas-sistema l-ġdida ta' l-LES.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 992/11/I il-Kunsill iddiskuta ittra ta' Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li r-rotta l-ġdida bin-numru 83 - Santa Luċija / Valletta ser tibda fil-11 ta' Settembru 2011 u li ser ikollha frekwenza ta' kull siegħa. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li dan xorta għadu anqas milli kien hemm qabel u li kull siegħa huwa ftit wisq speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu. Kopja ta' din l-ittra għandha tintbagħt bl-*e-mail* lir-residenti li għandhom l-*e-mail address* tagħhom fid-*data base* tal-Kunsill u titpoġġa fuq in-*notice boards*.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 995/11/I il-Kunsilliera Caroline Galea nfurmat li kienet interessata li tattendi għas-seminar '*Second Conference of EU Flagship Project*'.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 998/11/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 65 dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012. Is-Sindku qal li din l-iskema ġiet diskussa waqt laqgħa tar-Reġjun fejn ġie deċiż li l-fondi jitqassmu bejn il-membri tar-Reġjun biex jintużaw fuq proġetti ta' *renewable energy.*

**3.15** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 999/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li fuq talba tal-Kunsill, il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ser jibqa' jagħti s-servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-latrina sa l-aħħar tas-sena 2011. Is-Sindku fakkar li dan il-Ministeru kien ser itemm dak il-kuntratt fl-aħħar ta' Awissu 2011.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Devoluzzjoni ta' propjeta f' numru 16/17, Dawret it-Torri*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li minn informazzjoni li waslitlu jidher li l-uffiċċju tal-Malta Qualifications Council mhux ser jibqa' jopera minn Santa Luċija. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu ħafna jitħabat biex jieħu dawn il-*premises* għall-uffiċini tal-Kunsill. Huwa qal li kien informa lil Onor. Chris Said dwar din il-possibilita'. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju kien qed jipproponi li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' din il-propjeta'. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

### 4.2 *Memo 63 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar*

Is-Sindku rrefera għall-iskema hawn fuq imsemmija u nforma lil Kunsill li kienet intbagħtet applikazzjoni biex il-Kunsill jingħata 50% ta' l-ispiża nvoluta biex issir tinda fuq il-5-*a-side football pitch* fil-Playing Field *area*. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jistenna stima dwar l-ispiża nvoluta.

### 4.3 *Ħruġ ta' ilma fi Triq Maria De Domenicis*

Il-Kunsill iddiskuta l-problema ta' l-ilma li hemm fi Triq Maria De Domenicis. Il-Viċi Sindku qal li din il-problema ilha tippersisti minn Jannar. Is-Sindku qal l-amministrazzjoni tal-Kunsill ta' kuljum issegwi din il-problema. Huwa qal li saru rapporti lil tas-Sanita' u minn spezzjonijiet u testijiet li saru jidher li m' hemmx ħsarat jew sadd fis-sistema tad-dranaġġ. Is-Sindku qal ukoll li kien kellem lil Inġinier tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma li ħa jinvestiga l-każ.

Is-Sindku semma wkoll il-problema tad-dranaġġ fil-blokk M fi Triq iż-Żnuber. Huwa qal li kellu jmur hu personalment ikellem lir-residenti ta' dan il-blokk biex jikkonvinċijhom iġibu lil xi ħadd biex jiftaħ is-sadd li kien hemm fis-sistema tad-dranaġġ tal-komun kif inhuma obbligati jagħmlu.

### 4.4 *Xogħol ta' manutenzjoni tal-ġibjun f'Wied Garnaw*

Il-Kunsill ġie nfurmat li fuq talba tal-Kunsill il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien lesta x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fuq il-ġibjun f' Wied Garnaw. Il-Kunsill qabel li tintbagħt ittra ta' ringrazzjament.

### 4.5 *Bollard fi Triq il-Margeriti*

Il-Kunsill approva talba minn residenta anzjana biex tiġi nsallata *bollard* fi Triq il-Margeriti.

**4.6 *One way system***

Il-Kunsill qabel li jibda jimplimenta s-sistema ta' *one-way system* f'diversi toroq kif approvata minn Transport Malta. Is-Sindku qal li t-tabelli u s-sinjali ser isiru mill-Koperattiva Tabell u Sinjali u l-ispiża għal-*area* ta' *neighbourhood* 1 tammonta għal madwar €1,200.

**4.7 *ATM Drive-Through tal-BOV***

Is-Sindku rrefera għal proposta tal-BOV biex l-ATM li hemm f'Dawret it-Torri tinbidel u minfloka tiġi nsallata waħda *drive-through*. Il-Kunsill iddiskuta l-pjanti li ħejjiet il-Perit tal-Kunsill biex isiru l-modifiki neċessarji fil-*parking area* biex tkun tista' tiġi mplimentata din is-sistema. Il-Kunsill ma qabilx mal-modifiki li qed jiġu proposti minħabba element ta' periklu għar-residenti u għaldaqstant il-Perit ser jintalab jemenda l-pjanti għal din il-proposta.

**4.8 *Screen għal-Librerija Pubblika***

Il-Kunsill approva proposta għal xiri ta' *screen* u *wall mounted projector stand* għal-librerija pubblika.

**4.9 *Talba mis-sidien tal-ħwienet fi Triq Ineż Soler***

Is-Sindku tkellem dwar talba li saret mis-sidien tal-ħwienet fi Triq Ineż Soler biex il-*bollards* li hemm fit-tarf tal-passaġġ jiġu rtirati l-ġewwa ħalli jkun aktar prattiku għalihom biex iħottu l-merkanzija. Il-Kunsill qabel ma' din il-talba.

**4.10 *Keep Fit Classes***

Is-Sindku rrefera għall-*fitness classes* li qed isiru bħalissa bħala parti mill-iskema ta' l-Awtorita tad-Djar. Is-Sindku qal li l-*instructors* impenjati f'din l-inizjattiva qed iressqu proposta biex isir *weight loss course* immirat għan-nies li għandhom piż żejjed. Huwa qal li dan il-kors huwa ntiż li jikkumplimenti l-*keep fit classes* li għaddejjin bħalissa. Huwa qal ukoll li dan il-kors ser ikun bi ħlas skond il-*Bye-Laws* dwar organizzazzjoni ta' korsijiet, liema ħlas huwa mistenni li jkopri l-ispiża nvoluta. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**4.11 *Xogħolijiet fuq żamma ta' ndafa***

Il-Kunsill iddiskuta xi suġġerimenti dwar iż-żamma ta' aktar indafa fil-lokalita' u qabel li għandu jkompli bil-kampanja edukattiva tiegħtu dwar il-ġbir ta' skart domestiku fil-ħin u l-ħmieġ tal-klieb fuq il-bankini. Ġie deċiż li għandhom isiru avviżi fin-*notice boards* tal-Kunsill bil-ħinijiet ta' ġbir ta' skart għal benefiċċju ta' residenti li ġew joqgħodu Santa Luċija riċentament.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 3652 sa numru 3718 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju / Awissu 2011.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5611(29-08-11).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Lulju 2011 | Ammont *Gross* | €4990.01 |
| Salarji għax-xahar ta' Awissu 2011 | Ammont *Gross* | €4940.29 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Cleansing Services Dept. | PC57 | Lulju 11 | 507.73 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Lulju 11 | 2061.50 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 15013 | 144.40 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX Lulju 11 | 78.13 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. Ġunju 11 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv. Ġunju 11 | 2807.25 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv. Lulju 11 | 2854.75 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. Lulju 11 | 1131.53 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għal perjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Patrick Caruana, l-Accountant tal-Kunsill li ħejja dan ir-rapport u ta spegazzjoni fid-dettal ta' l-infieq u dħul finanzjarju tal-Kunsill fil-perjodu msemmi. Saru xi emendi żgħar li ġew innutati u s-Sur Caruana għandu jagħmel il-korrezjonijiet meħtieġa. Ir-rapport emendat għandu jitqies bħala approvat mill-Kunsill.

## 7. SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET

Waqt din il-laqgħa nfetgħu l-kwotazzjonijiet hawn taħt illistjati li s-sejħa għalihom kienet tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Awwissu 2011 f'nofsinhar.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/06)** – Xogħolijiet fuq dawl u ilma.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/07)** – Tikħil u tibjid għal-Latrina Pubblika f' Dawret it-Torri, Santa Luċija.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/08)** – Provista u twaħħil ta' Aperturi għal-Latrina Pubblika f' Dawret it-Torri, Santa Luċija.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/09)** – Tqegħid ta' madum u aċċessorji għal-Latrina Pubblika f' Dawret it-Torri, Santa Luċija.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/10)** – Xogħolijiet fuq dawl u ilma għal-Latrina Pubblika f'Dawret it-Torri, Santa Luċija.

- **Kwotazzjoni: Q(57/11/11)** – Madum u Aċċessorji tal-kmamar tal-banju għal-Latrina Pubblika f' Dawret it-Torri, Santa Luċija.

Il-Kunsill qabel li għal kull kwotazzjoni jagħżel l-orħos fost l-offerti mitfugħa. Fil-ġranet li ġejjin għandu jsir kuntatt mal-kuntratturi biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti magħhom ix-xogħol involut li jikkonċerna l-aktar il-*finishes* tal-latrina pubblika li bena l-Kunsill fl-*area* tal-Playing Field.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.15p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2011 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**